# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Illum 2 t’ Ottubru 2024

**Rik. Gur.Nru.: 198/2024 JPG**

**Kawza nru.: 24**

**IW**

**Vs**

**SW**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta’ IW datat 17 ta’ April 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu nhar il-hamsa (5) ta’ Settembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) (Dok IDW 1 Anness).*

2. *Illi minn dan iz-zwieg, twieldu zewg (2) ulied, cioe LW nhar X, u EW, nhar il-Y u ghalhekk it-tnejn ghadhom minorenni (Dok IDW u IDW2 Annessi).*

3. *Illi l-paritjiet ilhom legalment separati sa mit-tmienja (8) ta’ Awissu tas-sena elfejn u dsatax (2019), u dan bis-sahha ta’ Att pubbliku, ippubblikat minn Nutar Dottor Mark Zafferese fl-istess jum. (Dok IDW 3 Anness).*

4. *Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet li illum il-gurnata qeghidn jghixu hajja totalment separati minn xulxin u ilhom jghixu hekk separati sahansitra minn qabel ma’ sseparaw legalment.*

5. *Illi ma hemm ebda pendenzi ta' manteniment bejn il-partijiet, anzi l-istess partijiet irrinunzjaw ghad-dritt tahghom li jitolbu u jircievu manteniment, u lanqas ma hemm pendenzi ta' manteniment mill-esponenti lill-ulied minuri suindikati.*

6. *Illi r-rekwiziti ghall-pronunzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ghalhekk huma sodisfatti, peress li jezistu ragunijiet bizzejjed ai termini tal-ligi, sabiex iz-zwieg odjern jigi mahlul.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha;*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg ossija id-divorzju, ikkontrattat bejn il-partijiet nhar il-hamsa (5) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmienja (2008), u li l-partijiet huma divorzjati ghal finijiet u l-effetti kollha tal-ligi; u;*

2. *Tordna lir-Registru tal-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, fi zmien hemm akkordat minnha biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku skont il-ligi.*

*U dan taht kwalunkwa provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimata datata 24 ta' Gunju 2024, a fol 13 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi l-intimata SW taqbel mal-fatti kif dedotti mill-istess rikorrenti u cioe' li l-partijiet izzewgu fil-5 ta' Settembru tas-sena 2008, mil-liema zwieg il-partijiet kellhom zewgt (2) itfal LW u EW ta' eta' minuri;*

2. *Illi l-kontendenti partijiet addivjenu ghal kuntratt ta' firda personali in atti Nutar Dottor Mark Zaffarese fit-8 ta' Awwissu tas-sena 2019 b'dan illi minn dik id-data 'l quddiem l-istess partijiet irregolaw de jure l-aspetti kollha tas-separazzjoni personali taghhom;*

3. *Illi l-kontendenti partijiet varjaw il-kuntratt ta' separazzjoni permezz ta' kuntratt ta' emenda ta' separazzjoni in atti Nutar Dottor Francesca Micallef Sammut tal-5 ta' Ottubru, 2020 (Dok. A);*

4. *Illi l-partijiet irrinunzjaw ghall kull dritt illi jitolbu u/jew jircievu manteniment minghand xulxin;*

5. *Illi r-rikorrenti qieghed jivversa l-manteniment tal-minuri LW u EW lill-intimata skond il-kuntratt ta' separazzjoni. Il-minuri qeghdin jircievu manteniment adegwat fil-konfront taghhom u ma tezisti l-ebda kwestjoni f'dan ir-rigward;*

6. *Illi l-intimat SW tixtieq tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' 'M';*

7. *Illi l-intimata m'ghandha l-ebda oggezzjoni li din l-Onorabbli Qorti takkorda l-halla taz-zwieg u konsegwenti divorzju tal-partijiet.*

*Daqstant ghandha l-intimata x'jissottometti ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.*

Rat in-Nota tal-attur datata 18 ta' Gunju 2024 (vide fol 23);

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed (vide affidavit fol 24**) illi il-partijiet izzewgu nhar il-5 ta' Settembru 2008 u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, li ghadhom minorenni. Iddikjara illi il-partijiet sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazjoni konsenswali datat 8 ta' Awwissu 2019 fl-atti tan-Nutar Dr Mark Zaffarese. Di piu', ikkonferma illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**L-intimata xehdet (vide affidavit fol 40)** u kkonfermat u kkorroborat ix-xhieda ta' zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment***

***adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-5 ta' Settembru 2008 liema zwieg jgib certifikat numru 1670/2008 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied li ghadhom minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Mark Zaffarese nhar it-8 ta' Awwissu 2019 (Vide fol 7 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1670/2008 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Di piu’, tawtorizza lill-intimata sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe ‘M’ u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**